

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 408/2011

tas-27 ta' April 2011

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi, fir-rigward tal-format tat-trażmissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 108, 28.4.2011, p. 21)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1264/2014 tas-26 ta' Novembru 2014	L 341	6	27.11.2014



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 408/2011

tas-27 ta' April 2011

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi, fir-rigward tal-format tat-trażmissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 jistabbilixxi qafas ġdid għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-bejgħ u l-użu tal-pestiċidi.
- (2) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta statistika f'forma elettronika, b'mod konformi mal-format tekniku xieraq li għandu jġi adottat mill-Kummissjoni.
- (3) Biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, se tiġi inkluża fil-fajl tat-trażmissjoni bandiera li tindika jekk l-informazzjoni mgħoddija dwar is-sustanza, il-klassi kimika, il-kategorja tal-prodott jew grupp maġġuri hijiex kunfidenzjali jew le.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:



Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta statistika dwar il-pestiċidi msemmija fl-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009 bl-użu ta' definizzjonijiet tal-istruttura tad-dejta SDMX. Id-dejta għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz tas-servizzi ta' Punt ta' Kuntatt Waħdieni, jew għandha tiġi magħmula disponibbli biex titniżżel jew tiġi estratta mill-Kummissjoni (Eurostat) permezz ta' mezzi elettroniċi.

Artikolu 2

L-istruttura tad-dejta għat-trażmissjoni lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar it-tqegħid fis-suq ta' pestiċidi għandha tkun kif speċifikat fl-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1.

▼ **M1**

L-istruttura tad-dejta għat-trażmissjoni lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar l-użu ta' pestiċidi għal attivitajiet agrikoli għandha tkun kif speċifikat fl-Anness II.

▼ **B**

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mindu jkun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ M1

ANNEX I

Struttura tad-dejta statistika dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' pestiċidi

L-istruttura tad-dejta li ġejja għandha tkun inkluża fil-fajls tat-trażmissjoni:

Numru	Qasam	Kummenti
1	Pajjiż	eż. Franza
2	Sena	Sena ta' referenza għad-dejta (eż. 2010)
3	Grupp ewlieni	Kodiċi elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009
4	Kategoriji ta' prodotti	
5	Klassi kimika	
6	Sustanza attiva	
7	Valur ta' osservazzjoni (il-kwantità mibjugħa)	F'kilogrammi ta' sustanzi.
8	Għall-oqsma bin-numri 3, 4, 5 u 6, is-sinjal ta' kunfidenzjalità	Bandiera

▼ **M1***ANNEX II***Struttura tad-dejta statistika dwar l-użu agrikolu ta' pestiċidi**

L-istruttura tad-dejta li ġejja għandha tkun inkluża fil-fajls tat-trażmissjoni:

Numru	Qasam	Kummenti
1	Pajjiż	eż. Franza
2	Sena	Sena ta' referenza għad-dejta (eż. 2010)
3	Wiċċ tar-raba'	Tqassim skont l-uċuħ tar-raba'
4	Sustanza attiva	Kodiċi elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009
5	Valur ta' osservazzjoni: il-kwantità tas-sustanza użata fuq il-wiċċ tar-raba'	F'kilogrammi ta' sustanzi
6	Valur ta' osservazzjoni: żona bil-wiċċ tar-raba' trattat b'din is-sustanza	F'ettari
7	Sinjal ta' kunfidenzjalità	Bandiera